A.L. 541 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours) taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għall-grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours) taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx mod ieħor -

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol u tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy;

"iċ-Certifikat" tfisser is-Certificate in Work and Human Resources;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Work and Human Resources;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours);

"il-Kors" tfisser il-kors ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor in Work and Human Resources (Honours); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għall-Għoti tar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2010 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li jidħlu skont is-sottoparagrafu (a) (iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikollhom il-kwalifiki u l-esperjenza li jissodissfaw lill-Bord tal-Istudji, permezz ta' intervista, li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) L-applikanti li jidħlu skont is-sottoparagrafu (2) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew f'test ta' profiċjenza fl-Ilsien Ingliż kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu fil-Kors,

sakemm li l-applikanti li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 3 jew ogħla fl-Ingliż jew grad ta' "Għadda" fl-istess livell fi kwalifika komparabbli, għandhom ikunu eżentati milli joqgħodu għat-test ta' profiċjenza.

(4) L-applikanti li għandhom id-Diploma in Social Studies (Industrial Relations) ta' din l-Università b'marka medja ta' 60%, jew li għandhom kwalifika komparabbli f'qasam relatat mal-Industrial Relations jew mal-Labour Studies jew li jkunu kisbu kredti għal taqsimiet studju kkunsidrati mill-Bord tal-Istudji bħala ekwivalenti għall-dawk fil-programm ta' studju, ikunu jistgħu jidħlu fil-Kors. Suġġett għall-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali, dawn l-applikanti jistgħu jitħallew mill-Bord tal-Istudji jittrasferixxu dawn il-kredti għall-Kors. L-għadd ta' kredti trasferuti m'għandux jaqbeż is-60 kredtu.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq medda ta' tliet snin ta' studji fuq bażi *full-time* jew ħames snin ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. Il-Bord tal-Istudji għandu jippubblika l-Pjan ta' Kors fil-bidu ta' kull Kors. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord tal-Istudji jista' jkun kostrett li jagħmel bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma marbuta li jsegwu it-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-Pjan ta' Kors li qegħdin isegwu għall-Grad, sakemm li

l-Pjan ta' Kors ikun imfassal skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

6. L-istudenti huma meħtieġa jirreġistraw u jiksbu kredti għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 kredtu.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' studji tal-ewwel semestru tal-Kors li għalih hemm assenjati 30 kredtu u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat.

8. L-istudenti li jtemmu b'suċċess il-programm ta' studji tal-ewwel sena tal-Kors li għalih hemm assenjati 60 kredtu u ma jkomplux il-Kors, jew wara li komplew ma jkunux spiċċaw il-Kors b'suċċess, ikunu eliġibbli għall-għoti tad-Diploma.

9. L-istudenti jitħallew ikomplu bil-kors ta' studji wara li jkunu temmew b'suċċess l-ewwel sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ewwel sentejn ta' studju fuq bażi *part-time* jekk jiksbu marka medja globali ta' 60%.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

10. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha ta' kull programm ta' studju kif xieraq, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.